MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 540/2014

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija, wiehed u disghin (1991) skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati, u dan a tenur ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Isabelle Gonzi datat sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elf disa mija sitta u disghin (1996) kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bhala Dok B;

Illi minn tali zwieg ma kellhomx tfal;

Illi fic-cirkostanzi prevalenti m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar tmintax (18)-il sena, u kull parti qed ssegwi hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' hlas ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikou 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fit-terminu moghti minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha iddikjarat :

1) Illi z-zwieg taghhom kien wiehed turbulenti u mhawwad u ghaldaqstant ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni;
2) Illi hija tikkonferma illi l-partijiet ilhom separati tmintax (18) il-sena u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied u ghal kull buon fini ma hemmx obbligu ghal manteniment;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq esposti hija ma toggezzjonax ghall-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Ottubru 1996;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------